TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

CCT/31/25/S

Luke Vatter

vs

Muscat Motors Ltd

Illum 22 ta' Mejju, 2025

It-Tribunal,

Ra l-Avviż tat-Talba ta' Luke Vatter ippreżentata fl-14 ta' Frar, 2025, filwaqt li s-soċjetà Muscat Motors Ltd għalkemm debitament notifikata baqgħet la ppreżentat risposta u lanqas dehret biex tikkontesta t-talba tar-rikorrenti;

Ra d-dokumenti ppreżentati, u semà lir-rikorrenti Luke Vatter;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda ilmenti dwar servizzi mogħtija jew li ma ngħatawx mis-soċjetà intimata;

Illi jingħad mal-ewwel illi s-soċjetà intimata naqset milli twieġeb għat-talba ta' Luke Vatter u lanqas deher xi rappreżentant ta' l-istess soċjetà għas-seduti li saru;

Illi t-Tribunal għandu quddiemu verżjoni waħda u ċioé dik ta' Luke Vatter, li ma ġietx kontradetta bl-ebda mod mis-soċjetà intimata quddiem dan it-Tribunal, għalkemm fid-dokumentazzjoni ippreżentata u ċioé li tirrigwarda korrispondenza bejn il-partijiet u l-MCCAA jirriżulta illi s-soċjetà intimata ikkontestat it-talba ta' Luke Vatter għal rimbors totali ta' dak li huwa ħallas;

Illi fi kwalunkwe każ in-nuqqas ta' dehra tas-soċjetà intimata ma jfissirx li dan it-Tribunal m'għandux jixtarr dak mitlub u kemm dan hu ġustifikat anke minħabba dak li għadu kemm ingħad u ċioé li s-soċjetà intimata tidher f'korrispondenza li kkontestat it-talba kif magħmula minn Luke Vatter;

Illi Luke Vatter qed jallega li l-*break fluid* anke jekk inbidel għadu qed jimmarkalu li suppost irid jerġa' jinbidel f'Jannar 2025 u allura hu qed jallega illi jew ma nbidilx il-*break fluid* jew inkella ma ġietx *re-setted* is-sistema biex turi illi l-*break fluid* ġie mibdul;

Illi min-naħa l-oħra Luke Vatter qed jikkontesta l-ammont ta' €275.36 li huwa ħallas sabiex jinbidlulu l-*break pads* anke minħabba l-fatt illi qed jgħid illi dawn il-*break pads* setgħu jitħallew ftit ieħor għax ma kinux għadhom waslu f'sitwazzjoni li bilfors iridu jinbidlu, mentri fil-korrispondenza ppreżentata mill-istess Luke Vatter jidher illi s-soċjetà intimata qed tibbaża d-difiża tagħha fuq il-fatt li nbidlu fuq rakkommandazzjoni tal-kumpanija oriġinali u ċioé tal-BMW u dan allegatament għas-sigurta' ta' min isuq l-istess vettura;

Illi t-tielet punt jirrigwarda l-ammont ta' €44.36, illi Luke Vatter kellu jħallas biex jitjieb is-*software* tal-*monitor* illi skont hu ma ġietx *upgraded;*

Illi s-soċjetà intimata kif ġja ingħad ma dehritx biex titfa' dawl fuq din it-talba u fuq dawn il-punti kollha u lanqas biex tagħti l-verżjoni tagħha, għalkemm it-Tribunal xtarr dak kollu ppreżentat inkluż il-korrispondenza li għaddiet bejn il-partijiet u l-MCCAA;

Illi jirriżulta illi s-soċjetà intimata kienet offriet is-somma ta' €150 minħabba illi nbidlu l-*break pads* qabel iż-żmien li jirrappreżenta nofs il-prezz li l-istess Luke Vatter ġie ċċarġjat mis-soċjetà intimata;

Illi għalkemm Luke Vatter m'aċċettax din l-offerta, dan it-Tribunal iħoss li din hija offerta ekwa fiċ-ċirkostanzi, illi inoltre l-€150 li għandhom jitħallsu lir-rikorrenti Luke Vatter għandu wkoll jiġi mħallas lura s-somma ta' €44.36 minħabba *software upgrade* li rriżulta li ma sarx.

Decide

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq spjegati, u wara li ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, it-Tribunal qiegħed Jaqta' u Jiddeċiedi billi Jilqa' *in parte* t-talba ta' Luke Vatter u Jordna lis-soċjetà Muscat Motors Ltd tħallas lil Luke Vatter is-somma ta' €194.36 (mija u erbgħa u disgħin Ewro, u sitta

u tletin ċenteżmi), stabbilita *ex aequo et bono* kif spjegata hawn fuq.

Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jitħallsu mis-soċjetà intimata Muscat Motors Ltd.

Richard Sladden Av.
Arbitru